# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 488/2021/2**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Mohammed Amri**

Illum il-ħamsa (5) ta' Settembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Mohammed Amri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 98702(L), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-22 ta' Ottubru 2019 ġewwa Triq il-Madonna Tal-Ġilju, Mqabba u dawn il-Gżejjer:

1. mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorità tiegħu innifsu lil Dylan James Odom iħallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Dylan

James Odom fil-pussess ta' ħwejġu b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew indaħal fi ħwejjeġ ta' ħaddieħor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Mejju 2024, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 85(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u *ai termini* ta' Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta lliberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mid-data tas-sentenza. *Ai termini* ta' Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-6 ta' Ġunju 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per Maġistrat Dr. Nadine Sant Lia LL.D. fis-27 ta' Mejju 2024 billi tirrevokaha in kwantu sabitu ħati tal-akkuża kif miġjuba kontrih u konsegwentement tilliberah minn kull piena u ħtija skont il-liġi, u f'każ li din l-Onorabbli Qorti, jogħġobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-esponenti jitlob li tiġi mposta piena aktar ekwa u ġusta għal każ odjern."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fis-17 ta' Lulju 2024.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-27 ta' Mejju 2024. Għal kull buon fini jingħad li oriġinarjament kienet diġa' ngħatat sentenza fit-23 ta' Novembru 2021 (*a fol.* 15 *et seq.*) mill-Ewwel Qorti, liema sentenza kienet ġiet

imħassra u revoka b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-10 ta' Ġunju 2022 (*a fol.* 62 *et seq.*).

Illi l-fatti ta' dan il-każ jirrigwardaw bejgħ ta' vettura fejn l-appellant ġie avviċinat minn impjegat tiegħu u ġie mistoqsi jekk kellux xi vettura għall-bejgħ bl-intenzjoni li din il-vettura kellha tkun għal ibnu (*ossia* l-*parte civile* Dylan James Odom). Jirriżulta li l-appellant kellu vettura tal-għamla Peugeot ta' kulur aħmar bin-numru ta' reġistrazzjoni NQZ 796. Jidher li l-partijiet ftehmu fuq prezz u eventwalment l-appellant u l-*parte civile* marru għand is-soċjeta' Michael Attard Limited fejn ġew iffirmati l-kambjali u tħallset mingħand l-istess *parte civile* is-somma ta' sitt mitt Euro (€600). Skont l-appellant, il-*parte civile* naqas milli jagħmel il-pagamenti li kienu miftehma u għalhekk, permezz tat-tieni ċavetta li kienet għada fil-pussess tiegħu, hu (l-appellant) mar u ħa l-vettura lura. Sussegwentement il-*parte civile* għamel rapport għand il-Pulizija u nħarġet l-imputazzjoni *ai termini* ta' Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kontra l-appellant allura imputat.

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu hija tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-

> Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar it-tliet aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu b'dan illi ser tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-ewwel żewġ aggravji flimkien peress li huma konnessi.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jargumenta li huwa qatt ma seta' jinsab ħati taħt Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li l-vettura in kwistjoni kienet f'ismu. Jirreferi għax-xiehda mogħtija minn Stephen Cachia (in rappreżentanza ta' Transport Malta) fejn dan ikkonferma l-fatt li l-vettura kienet f'ismu (f'isem l-appellant). Jisħaq li l-vettura kienet proprjeta' ta' Michael Attard Limited u li l-*parte civile* ma kellu ebda dritt fuq l-istess vettura. Ikompli li hu (l-appellant) kellu ċ-ċavetta tal-vettura u li kieku kien sar it-trasferiment huwa kien jgħaddi ċ-ċavetta. Jilmenta li l-Ewwel Qorti assumiet li l-*parte civile* kellu l-pussess u li kien sar it-trasferiment mentri ma seħħ xejn minn dan.

Illi fit-tieni aggravju l-appellant jisħaq li mhux minnu li dan il-każ jikkonċerna sitwazzjoni fejn huwa ħa lura l-vettura li kienet fil-pussess tal-*parte civile* Dylan James Odom minħabba nuqqas ta' ħlas għax bħala fatt il-vettura kienet għand missier il-*parte civile* u qatt ma għaddiet għal dan ta' l-aħħar minħabba li ma kienx xtara l-vettura. L-appellant jirreferi għas-sentenza appellata fejn tgħid li r-reat ta' *ragion fattasi* ma jistax jirriżulta jekk ċivilment il-persuna akkużata jkollha jedd li jżomm l-oġġett. Ikompli li dan huwa l-każ minħabba li huwa ppruvat li fil-kors tal-kawża t-trasferiment ma seħħx. Jgħid li hemm nieqsa s-segwenti elementi li jikkostitwixxu r-reat ta' *ragion fattasi*:

- l-att estern li jispolja lil xi ħaddieħor minn ħaġa li jkun qiegħed igawd: l-appellant jgħid li l-vettura kienet għand Daryl Odom (missier il-*parte civile*) u għandu (l-appellant) innifsu li kellhom żewġ ċwievet;

- in-nuqqas ta' titolu: l-appellant jisħaq li t-titolu tal-vettura kien f'ismu.

Illi fis-sottomissjonijiet li nstemgħu bil-fomm quddiem din il-Qorti, il-konsulent legali tal-appellant żied jgħid li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel distinzjoni bejn il-*parte civile* Dylan James Odom u missieru u li l-pussess tal-vettura kien għand missier il-*parte civile* u mhux għand il-*parte civile*.

Illi dwar iż-żewġ aggravji in eżami, din il-Qorti tibda billi tinnota li l-appellant allura imputat ġie mixli quddiem l-Ewwel Qorti bir-reat li jemerġi minn Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema reat huwa dak hekk imsejjaħ ta' *ragion fattasi* jew dak li jissejjaħ *"the exercise of a pretended right"*.

Illi għandu jingħad li l-azzjoni bbażata fuq Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija speċi ta' żona griġja bejn il-kamp ċivili u dak kriminali tant li meta kien qed jiġi abbozzat il-Kodiċi Penali Malti, Sir Andrew Jameson fir-Rapport tiegħu kien osserva s-segwenti:

> *"It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages..."* (Ara Prof. Sir Anthony Mamo – Notes on Criminal Law (1958 edit.), Parti Specjali – Vol. II).

Illi l-elementi tar-reat ta' *ragion fattasi* ġew miġbura fid-definizzjoni analitika mogħtija fl-14 ta' Ottubru 1944 fis-sentenza ta' l-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et** (Vol. XXXII – IV, p.768) u dawn jinkludu:

- att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;

- l-aġent irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;

- ix-xjenza tal-aġent li qed jieħu b'idejh ("*di privato braccio*") dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;

- l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi.

Illi, kif dejjem ġie ritenut, element importanti kostituttiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-aġir ta' dak li jkun irid ikun magħmul bil-ħsieb li hu qed jeżerċita dritt li jaħseb li għandu għad-distinzjoni mir-reati, per eżempju, ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' ħaddiehor. Għalhekk hemm bżonn li ssir indaġni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li kkommettiet dan ir-reat biex tagħmel dak li għamlet. L-element materjali invece jikkonsisti f'illi wieħed jippriva persuna oħra minn xi dritt fuq ħaġa li għandu t-tgawdija tagħha.

Illi r-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun diġa' ikollu. Hemm bżonn li jkun hemm att pożittiv li jippriva lit-terz jew ifixklu fil-pussess tal-ħaġa għax kif jgħid **Carrara** (Prog. Parte Speciale, Vol. 5, para. 2850):

> *"L'atto esterno deve privare l'altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi é nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perché la legge protegge lo "stato quo", il quale non puó variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autoritá giudiziale."*

Illi fir-rigward tar-raba' element hawn fuq imsemmi għandu jingħad li n-nuqqas ta' titolu jirrendi l-fatt aktar gravi b'dan illi huwa suffiċjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Għall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi* huwa biżżejjed xi forma ta' pussess.

Illi l-ġurisprudenza wkoll timxi mal-prinċipju li *"r-reat ta' ragion fattasi mhux meqjus bħala delitt kontra l-proprjeta' iżda bħala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u amministrazzjonijiet pubbliċi oħra."*[1] Għandu jingħad li Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ntiż biex dak li jkun ma jieħux il-liġi b'idejh.

Illi fir-rigward tal-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, tenut kont tal-argumenti mressqa mill-appellant dak li jrid jiġi determinat huwa jekk il-*parte civile* Dylan James Odom kellux il-pussess tal-vettura u mhux jekk l-istess appellant kienx għadu s-sid tal-vettura. Din il-Qorti tinnota li minkejja li l-appellant kien żamm kopja taċ-ċavetta tal-vettura, il-pussess tal-istess vettura ma kienx baqa' għandu. Jirriżulta paċifiku li missier il-*parte civile* staqsa lill-appellant f'isem it-tifel tiegħu jekk l-appellant kellux xi vettura għal bejgħ. Jirriżulta wkoll li l-appellant ħa lil Dylan James Odom għand tal-Peugeot sabiex jiffirma l-kambjali u li l-istess *parte civile* ħallas is-somma ta' sitt mitt Euro (€600). B'hekk l-argument imressaq mill-appellant li minħabba l-fatt li l-vettura kienet għadha f'ismu r-reat ta' *ragion fattasi* ma seħħx, ma jistax jintlaqa. Minbarra dan lanqas jagħmel sens l-argument tal-appellant li kien għad kellu ċ-ċavetta tal-vettura għax bl-istess argument anke l-*parte civile* kellu tali ċavetta. L-appellant jisħaq li huwa dejjem innegozja mal-missier u qatt ma nnegozja mat-tifel. Minbarra l-fatt li dan huwa tentattiv fqir sabiex idur mal-kwistjoni, l-appellant stess jgħid waqt ix-xiehda mogħtija minnu quddiem l-Ewwel Qorti li huwa ta l-vettura lit-tifel (*a fol.* 123):

> "għax hu promissjani hekk, għalhekk tajtilu l-karozza jiena. Għalhekk qbilna li ngħatijilu ."

Illi *di piu* kieku l-pussess tal-vettura ma għaddiex għand il-*parte civile* ma kienx ikun hemm għalfejn li l-appellant jieħu lill-istess Dylan James Odom fl-uffiċċju tas-soċjeta' Michael Attard Limited sabiex jiġu ffirmati l-kambjali. Bil-kontra, jekk wieħed joqgħod fuq dak li jgħid l-appellant u ċioè li dejjem innegozja ma' missier

[1] Ara **Il-Pulizija vs. Georgina Gauci** tas-7 ta' Jannar 1998, Qorti tal-Appell Kriminali.

il-*parte civile* kien jieħu lilu għand is-soċjeta' Michael Attard Limited sabiex jiffirma l-kambjali u mhux lil Dylan James Odom!

Illi rigward il-punt imressaq mill-appellant li l-Ewwel Qorti ma għamlitx distinzjoni bejn il-missier u l-iben, din il-Qorti ma taqbilx ma' dan il-punt minħabba li minn qari tas-sentenza appellata jirriżulta li meta l-Ewwel Qorti tat sunt ta' dak li xehdu quddiemha x-xhieda, hija ssemmi kemm il-pożizzjoni ta' missier Dylan James Odom kif ukoll il-pożizzjoni tal-*parte civile* stess.

Illi l-appellant jirrimarka li huwa qatt ma ttrasferixxa l-vettura fuq il-*parte civile* u li għalhekk ir-reat in kwistjoni qatt ma seħħ. Kif diġà ngħad aktar 'il fuq dan l-argument huwa monk. Sabiex iseħħ ir-reat ta' *ragion fattasi* jridu jirriżultaw l-erba' elementi msemmija fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et**, liema sentenza ġiet ċitata aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dawn l-elementi.

**<u>Att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew impliċitu ta' dik il-persuna</u>:** Illi fuq dan l-ewwel element din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Bernardette Vella** (Numru 190/2021) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "62. […] Għal dak li jirrigwarda l-ewwel element, il-ġurisprudenza prevalenti tal-Qrati tagħna tabbraċċja d-definizzjoni ta' 'tgawdija' fis-sens wiesgħa ta' 'pussess sempliċi'. Il-Carmignani saħansitra jmur pass oltre għax jiddefinixxi dan il-'pussess' bħala wieħed attwali hekk kif il-kwerelant neċessarjament irid jipprova li fil-mument li seħħ l-att spoljattiv huwa kien qiegħed jagħmel użu mill-ħaġa spoljata. Hekk per eżempju nsibu fil-kawża **Il-Pulizija vs. Joseph Bongailas** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 ta' Ottubru 2001:

> "L-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali li jittratta dwar ir-*ragion fattasi*, bl-ewwel rekwiżit tiegħu, kjarament iqis bħal aġir kriminali kull att ta' xi ħadd li jfixkel lil xi ħaddieħor fil-pussess ta' xi ħaġa li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, għalhekk, jittutela l-pussess tal-ħaġa u mhux neċessarjament ukoll il-proprjeta' tagħha. Il-kelma pussess, għalhekk, tinkludi l-użu jew tgawdija ta' dik il-ħaġa....Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, **dejjem riferibbilment għall-ewwel element kostituttiv tiegħu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta' spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-użu u/jew it-tgawdija tal-fond in kwistjoni**.""

Illi mix-xiehda mogħtija mill-*parte civile* Dylan James Odom (*a fol.* 87 *et seq.*) quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta li huwa qatt ma qabel mal-fatt li tittieħed il-vettura in kwistjoni u li kellu t-tgawdija ta' tali vettura. Dan jirriżulta wkoll mill-messaġġ li hemm fl-atti proċesswali (*a fol.* 111.) fejn jidher b'mod ċar id-dissens tal-*parte civile*. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel element jirriżulta ppruvat u konsegwentement l-att imwettaq mill-appellant, fejn huwa mar id-dar tal-*parte civile* u unilateralment reġa' ħa l-vettura, jissodisfa r-rekwiżit ta' dan l-element.

**<u>L-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt</u>:**
Illi dwar dan it-tieni element, din il-Qorti tinota li l-appellant ripetutament jgħid li huwa mar ġabar il-vettura minħabba li kienet għadha f'ismu u li għalhekk kienet tiegħu. Fix-xiehda tiegħu, huwa qal hekk (*a fol.* 120.):

> "Xtrawha kieku ħallsuni. Kieku ħallsuni dak li fthemna imma ma tawnix."

Illi meta wieħed qed jitkellem fuq ħaġa mobbli, it-trasferiment iseħħ fil-mument fejn ikun hemm ftehim fuq il-prezz u l-oġġett,

salv kundizzjonijiet oħra. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Novembru 2003 fl-ismijiet **Cranes and Commercial Sales Ltd. vs. Lawrence Micallef** (Numru 2269/1997/1) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet is-segwenti:

> "In konsegwiment tat-talba tiegħu għal ħlas tas-somma pattwita, is-soċjeta' attriċi tistrieħ prinċipalment fuq id-dispost ta' l-Artikolu 1347 tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi illi *"l-bejgħ hu perfett bejn il-partijiet, u, kwantu għall-bejjiegħ, il-proprjetà tal-ħaġa tgħaddi għand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz, għalkemm il-ħaġa tkun għad ma ġietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun għad tħallas il-prezz; u minn dak il-ħin il-ħaġa nfisha tibqa' għar-riskju u għall-użu tax-xerrej.""*

Illi f'dan il-każ ma jirriżultax li ġew imposti xi kundizzjonijiet sospensivi għalhekk ir-reazzjoni tal-appellant, fejn mar jiġbor il-vettura, mhijiex ibbażata fuq dritt iżda fuq dak li huwa ħaseb li kien id-dritt tiegħu. Għalhekk anke l-element in eżami jirriżulta ppruvat ukoll.

**<u>Ix-xjenza tal-aġent li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali</u>:**

Illi dwar dan it-tielet element, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2018 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Gona Caruana et** (Numru 398/2017) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Sabiex jirriżulta r-reat ta' *ragion fattasi*, l-intenzjoni sabiex jiġi eżerċitat dritt pretiz għandu jkun akkompanjat bl-intenzjoni li dak li għamel għamlu billi aġixxa bla ma għamel rikors lejn l-awtorità pubbblika. Minkejja li l-kelma 'intenzjonalment' ma tinsabx fil-kliem tal-liġi, m'hemmx dubju li jrid ikun hemm tali intenzjoni għall-eżistenza ta' dan ir-reat.

> Għalhekk wara li din il-Qorti għamlet eżami tal-erba' elementi rikjesti għall-eżistenza ta' dan ir-reat huwa ċar u manifest li l-erba' elementi lkoll flimkien għandhom jirriżultaw sabiex ikun hemm sejba ta' ħtija. La l-Ewwel Qorti għamlet paragun bejn is-sistema legali Maltija u dik Taljana din il-Qorti ħasset il-ħtieġa li tistabilixxi d-differenza lampanti bejn iż-żewġ sistemi. Filwaqt li fl-"*esercizio arbitrario delle proprie ragioni*" hemm bżonn l-użu ta' vjolenza u theddid bħala elementi essenzjali, l-element intenzjonali u l-elementi l-oħra fil-liġi Taljana huma simili ħafna għal dawk fis-sistema nostrana."

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li meta l-appellant u l-*parte civile* Dylan James Odom iffirmaw il-kambjali, il-*parte civile* ħallas is-somma ta' sitt mitt Euro (€600). Minn naħa tiegħu, l-appellant ipprova jaħbi dan l-introjtu billi bagħat riċevuta ta' kiri ta' vettura (Dok "MA 1"- *a fol.* 125 *et seq*.). Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellant kien jaf li l-aġir tiegħu ma kienx legalment validu. Konsegwentement anke l-element in eżami jirriżulta ppruvat.

**L-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi:**
Illi dwar dan ir-raba' element, din il-Qorti tinnota li minn dak kollu li ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza għandu jirriżulta li anke dan l-element ġie pjenement ppruvat ukoll.

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad fir-rigward tal-ewwel żewġ aggravji u ta' dak li ngħad fir-rigward tal-elementi li jikkostitwixxu r-reat ta' *ragion fattasi*, isegwi li l-aggravji in eżami għandhom jiġu miċħuda.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tielet aggravju tiegħu (li fir-Rikors tal-appell ġie erronjament indikat bin-numru tnejn (2)), l-appellant jisħaq li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu hija waħda eċċessiva u sproporzjonata.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li huwa stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi bħala regola qorti ta' reviżjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).

Illi din il-Qorti qieset li l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellant allura imputat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mis-sentenza appellata. Din il-Qorti ma tarax li għandu jkun hemm lok ta' temperament fil-piena appena msemmija u dana wara li jittieħed in konsiderazzjoni n-natura ta' tali piena meta mqabbel ma' dak li l-appellant allura imputat ġie akkużat bih u li tiegħu huwa nstab ħati mill-Ewwel Qorti, liema sejbien ta' ħtija qed jiġi konfermat minn din il-Qorti. Meħud dan in konsiderazzjoni, din il-Qorti ma tqiesx li l-appellant kellu jingħata żmien aqsar ta' liberta' kondizzjonata jew addirittura wieħed ta' mingħajr ebda kundizzjoni. Għalhekk anke l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Mohammed Amri u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi ż-żmien ta' sentejn ta' libertà kondizzjonata msemmi fid-*decide* tas-sentenza appellata jibda jgħaddi mil-lum.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |